MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Numru. 52/2006

**Il-Pulizija**

**Spettur Antonello Grech**
**V**

**SAVIOUR DEBRINCAT bin George u Assunta nee' Sultana, imwieled fis-sitta ta' Settembru, 1962 u residenti "Sunvic" Triq Guze Flores, Kercem, Ghawdex. Numru ta' l-Identita' 44162(G).**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **SAVIOUR DEBRINCAT** bin George u Assunta nee' Sultana, imwieled fis-sitta ta' Settembru, 1962 u residenti "Sunvic" Triq Guze Flores, Kercem, Ghawdex. Numru ta' l-Identita' 44162G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli f'Ghawdex b'diversi atti

maghmulin minnu b'rizoluzzjoni wahda u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi ghalkemm ordnat b'digriet tal-Qorti tas-sitta ta' Ottubru, 2005, sabiex ihallas manteniment lil martu Maria Victoria Debrincat u binthom Samara, hu naqas li jhallas il-manteniment ghax-xhur ta' April, Mejju, Gunju, Lulju, Awissu, Settembru, Ottubru, Novembru u Dicembru 2005.

Semghet lil kwerelanti Maria Victora Debrincat tixhed fis-seduta tat-tletin ta' Marzu 2006 u tiddikjara li hija m'ghandha ebda pretenzjoni kontra zewgha l-imputat u dan ghaliex fil-mori tal-kawza l-imputat hallasha l-manteniment dovut w ghalhekk xtaqet tirtira x-xhieda li hi kienet tat fis-seduta precedenti.

Il-Qorti laqghet t-talba tal-kwerelanti stante li tali xhieda inghatat fil-konfront ta' zewgha l-imputat.

Rat li l-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda xhud iehor in sostenn tal-akkuza taghha.

Ghalhekk, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ma ssibx lil imputat SAVIOUR DEBRINCAT hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu u tilliberah minn din l-akkuza**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------